23 ta' Frar, 1957

Imħallef:—

Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Caterina Farrugia

**Inġurja — Kwerela — Azzjoni Kriminali — Rinunzja — Art. 4 u 385 tal-Kodiċi Kriminali**

*Jekk l-offiż ma jkunx mexxa l-azzjoni kriminali, u ma jkunx irrinunzja għaliha espressament, fi żmien erbgħa tijiem minn dak inhar li jkun sar ir-reat, il-Pulizija tista' tmexxi l-azzjoni "ex officio".*

*Biex ikun hemm lok għall-applikazzjoni ta' dan id-dispost tal-liġi ma hemmx bżonn li jirriżulta li l-pretiż inġurjat kien jaf bil-pretiża inġurja. Il-liġi trid biss li jkunu għaddew l-erbgħa tijiem mill-kommissjoni tal-fatt u ma jkun hemm ebda rinunzja, avvolja ma hux possibbli li jkun hemm rinunzja jekk l-offiż ma kienx a konjizzjoni tal-fatt. Malli ma hemmx la azzjoni u lanqas rinunzja, ikunu x'ikunu ċ-ċirkustanzi li għalihom la hemm waħda u lanqasx l-oħra, allura tirriprendi l-vigur tagħha r-regola li l-azzjoni kriminali hi ta' dominju publiku.*

*Għaldaqstant mhix attendibbli l-eċċezzjoni illi l-Pulizija ma setgħetx, f'każ bħal dan, tipproċedi "ex officio".*

Il-Qorti; — Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta kontra l-imputata, talli matul ix-xahar ta' Frar 1956, waqt li kienet fil-Parroċċa ta' Ħad-Dingli, weġgħet bil-kliem u ġesti, jew b'xi mod ieħor, lill-Onorevoli Prim Ministru Dom. Mintoff, bil-ħsieb li ttelliflu jew tnaqqaslu l-ġieħ tiegħu;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tad-19 ta' Diċembru 1956, li biha sabet l-imputata ħatja talli nġurjat lill-Onorevoli Perit Dominic Mintoff, u kkundannatha għal nofs lira multa;

Rat ir-rikors li bih l-imputata appellat, u talbet li s-sentenza tiġi revokata u li hi tiġi assolta;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Id-doljanzi tal-appell huma tnejn:—

Waħda, illi l-Pulizija ma setgħetx taġixxi "ex officio"; l-oħra, illi l-appellanti ma nġurjatx lill-Prim Ministru, la personalment u lanqas bħala tali, imma semmiet biss il-Mintoffjani;

Kwantu għall-ewwel gravam;

Ma hux kontestat li l-parti nteressata ma ħadetx ebda pass fi żmien erba' tijiem, u lanqas irrinunzjat għall-azzjoni;

Għat-termini tal-art. 385 tal-Kodiċi Kriminali, "...... jekk l-offiż ma jkunx mexxa l-azzjoni kriminali, u ma jkunx irrinunzja espressament għaliha fi żmien erba' tijiem minn dak inhar li jkun sar ir-reat, il-Pulizija tista' tmexxi l-azzjoni "ex officio" ......";

Issa, id-difiża tissottometti li, biex ikun hemm lok għall-applikazzjoni ta' dak id-dispost tal-liġi, jeħtieġ li jirriżulta li l-pretiż inġurjat kien jaf bil-pretiża nġurja, għax altrimenti mhix konċepibbli r-rinunzja;

Din id-distinzjoni, però, ma tinsabx fil-liġi. Biex il-Pulizija tista' tesperixxi l-azzjoni opportuna, il-liġi trid biss li jkunu għaddew erba' tijiem mill-kommissjoni tal-fatt bla ma jkun hemm ebda rinunzja. Hu veru li ma hux possibbli li jkun hemm rinunzja jekk l-offiż ma jkunx a konjizzjoni tal-fatt; imma l-liġi teżiġi biss li ma jkunx hemm azzjoni u

li ma jkunx hemm rinunzja, ikunu x'ikunu ċ-ċirkustanzi li għalihom ma jkun hemm waħda u anqas l-oħra. Malli ma hemmx la azzjoni u lanqas rinunzja tal-parti, għal kwalsijasi raġuni, allura tirriprendi l-vigur tagħha r-regola li l-azzjoni kriminali hi ta' dominju pubbliku;

Għandu jiġi rimarkat li, skond l-art. 4 tal-Kodiċi Kriminali, l-azzjoni kriminali hi essenzjalment pubblika. Eċċezzjonalment titħalla f'idejn il-privat. Imma għall-każijiet li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni kriminali inferjuri, il-liġi riedet tillimita din l-eċċezzjoni fis-sens fuq imsemmi; u ma hux għalhekk leċitu li, b'distinzjoni li ma hemmx fil-liġi, tiġi amplifikata dik l-eċċezzjoni għar-regola li l-liġi riedet tirrestrinġi bid-dispost fuq imsemmi;

Dwar it-tieni doljanza;

Ix-xhud Mary Farrugia xehdet li l-imputata qalet lil xi tfal "inthom kommunisti bħal Mintoff". Ix-xhud Emmanuela Muscat xehdet li l-imputata qalet lit-tfal li kienu filknisja "oqgħodu attenti, ma temmnu b'xejn, Mintoff hu kommunista u mazun" ......;

L-imputata xehdet li hi qalet biss il-kliem, indirizzati lil xi tfal li kienu qegħedin jimbuttaw tifla oħra u jgħajruha nazzjonalista, "itilquha, għandkom biex tiftaħru, ħlief mażunerija ma intkhomx tagħmlu......";

Ġew prodotti in difeża ix-xhieda...... Din ix-xorta ta' xiehda negativa ma tistax tinnewtralizza xiehda pożitiva;

Konsegwentement tiddeċidi;

Billi tikkonfermaha, u tirrespinġi l-appell tal-imputata.